MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Mandat Numru. 96/2012/1

**Leonard Gascoyne, pensjonant bin id-defunti Matthew u Lucy Helen nee' Goddard, imwieled Derbyshire fl-Ingilterra u residenti Floriana**

**vs**

**Mario Galea, project manager, bin Joseph u Maria Stella nee' Tonna, imwieled Birzebbugia u residenti Zabbar; u martu Pauline Galea, bint Joseph Agius u Salvina nee' Micallef, imwielda Pieta' u residenti Zabbar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Leonard Gascoyne li bih, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta' u b'mod partikolari, il-blokk t'appartamenti f'Kent Street, Fgura, li

jmiss min-Nofsinhar mal-istess triq, mill-Punent ma' proprjeta' ta' Anthony Lughermo jew l-aventi kawza tieghu u mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Joseph Grima u ohrajn jew l-aventi kawza taghhom, liema bini sar fuq is-sit tal-fond, gja' 189, bl-isem ta' Felicidad, Kent Street, Fgura.

Rat ir-risposta tal-intimati, li permezz taghha opponew ghall-hrug tal-mandat de quo, stante li r-rikorrenti jgawdi privilegg specjali fuq il-proprjeta'. Isostnu li l-prezz miftiehem kellu jithallas wara li tinbiegh il-proprjeta' zviluppata.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed ifittex li jzomm lill-intimati jbieghu l-proprjeta' minnhom zviluppata fuq sit tad-dar mixtrija minghand l-istess rikorrenti.

Il-ligi timponi fuq rikorrent li jipprova zewgt ihwejjeg biex jigi gustifikat il-hrug ta' mandat bhal dan, l-ewwel li r-rikorrent ghandu mad-daqqa t'ghajn imbaghad irid jipprova ukoll il-htiega tal-mandat biex jitharsu l-istess drittijiet.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta prima facie li fis-sena 2005, l-intimati obbligaw ruhhom ihallsu lir-rikorrenti somma ta' Lm100,000 fi zmien tlett snin. Ma jirrizultax li dan l-ammont ghadu thallas.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors 96/12 datat 23 ta' Jannar 2012; tinnomina lin-Nutar Mary Grech Pace sabiex tinnotifika l-istess mandat a tenur tal-Art. 874(3) tal-Kap. 12.

**< Digriet >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------